KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
LÉGER
ippreżentati fil-5 ta' Ottubru 2006 [1]

1. Permezz ta' dan ir-rikors, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li, billi imponiet taxxa ambjentali fuq il-pajpijiet tal-gass, li fihom il-metanu u li jaqsmu r-Reġjun ta' Sqallija (iktar 'il quddiem it-"taxxa ambjentali" jew it-"taxxa in kwistjoni"), ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 23 KE, 25 KE, 26 KE u 133 KE u taħt l-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija ffirmat f'Alġiers fis-26 ta' April 1976 u approvat f'isem il-Komunità permezz tar-Regolament (KEE) Nru 2210/78 [2] (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' Kooperazzjoni").

I — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt Komunitarju*

1. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat KE

2. Skond l-Artikolu 23 KE, l-unjoni doganali bejn l-Istati Membri tinvolvi tariffa doganali komuni intiża sabiex tinkiseb ugwaljanza bejn il-pożijiet doganali imposti, fil-fruntjieri esterni tal-Komunità, fuq il-prodotti importati minn pajjiżi terzi, sabiex jiġi evitat kull żvijar tal-kummerċ fir-relazzjonijiet ma' dawn il-pajjiżi u kull distorzjoni fiċ-ċirkolazzjoni libera ta' dawn il-prodotti bejn l-Istati Membri.

3. L-Artikolu 25 KE jipprojbixxi d-dazji doganali u t-taxxi b'effett ekwivalenti bejn

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Regolament tal-Kunsill, tas-26 ta' Settembru 1978, dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija (ĠU L 263, p. 1).

l-Istati Membri. Din il-projbizzjoni tapplika wkoll għal dazji doganali ta' natura fiskali.

4. L-Artikolu 133 KE jistabbilixxi li l-politika kummerċjali tal-Komunità għandha tkun ibbażata fuq prinċipji uniformi, partikolarment fir-rigward ta' tibdil fit-tariffi u tal-konklużjoni ta' ftehim dwar tariffi u kummerċ. Dan ifisser li għandhom jitneħħew id-differenzi nazzjonali, ta' natura fiksali jew kummerċjali, li jaffettwaw il-kummerċ ma' pajjiżi terzi.

2. Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni

5. Skond l-Artikolu 1 tiegħu, l-għan tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni huwa li "jippromwovi kooperazzjoni sħiħa bejn [ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija u l-Komunità Ekonomika Ewropea] bil-ħsieb li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' l-Alġerija u tgħin għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn il-Partijiet. Għal dan il-għan dispożizzjonijiet u miżuri għandhom jiġu adottati u implimentati fil-qasam ta' kooperazzjoni ekonomika, teknika u finanzjarja, u fl-oqsma tal-kummerċ u dawk fil-qasam soċjali".

6. Għall-finijiet ta' l-Artikolu 4(1) ta' dan il-Ftehim, il-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija għandha l-għan li tiffaċilita, b'mod partikolari:

"[...]

— il-marketing u l-promozzjoni tal-bejgħ ta' prodotti esportati mill-Alġerija,

— [...]

— fir-rigward ta' l-enerġija, il-parteċipazzjoni minn operaturi tal-Komunità fi programmi għall-esplorazzjoni, produzzjoni u proċessar tar-riżorsi ta' l-enerġija ta' l-Alġerija u kull attivitajiet li jistgħu jiżviluppaw dawn ir-riżorsi fuq il-post, u l-prestazzjoni kif imiss ta' kuntratti fuq perijodu twil ta' żmien għat-twassil ta' prodotti taż-żejt, gass jew żejt mhux raffinat bejn l-operaturi tagħhom,

[...]"

7. L-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni jistabbilixxi li "il-prodotti li joriġinaw fl-Alġerija li m'humiex elenkati fl-Anness II li jinsab mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea għandhom ikunu importati fil-Komunità ħielsa minn restrizzjonijiet kwantitattivi u miżuri li jkollhom effett ekwivalenti, u [minn] dazji doganali u piżijiet li jkollhom effett ekwivalenti".

8. Il-metanu huwa wieħed mill-prodotti msemmija fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni.

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

9. L-Artikolu 6 tal-Liġi Reġjonali ta' Sqallija Nru 2 tas-26 ta' Marzu 2002 [3] jistabbilixxi:

"1. Hija mwaqqfa taxxa ambjentali bil-għan li jiġu ffinanzjati investimenti intiżi għat-tnaqqis u għall-prevenzjoni tar-riskji għall-ambjent li jirriżultaw mill-preżenza ta' pajpijiet tal-gass li jkun fihom il-metanu installati fuq it-territorju tar-reġjun ta' Sqallija. Id-dħul minn din it-taxxa għandu jservi sabiex jiġu ffinanzjati inizzjativi favur l-ippreżervar, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità ta' l-ambjent, b'mod partikolari fiż-żoni li minnhom jgħaddu dawn il-pajpijiet.

[...]

3. [...] Il-fatt li jagħti lok għal din it-taxxa huwa d-dritt ta' proprjetà tal-pajpijiet tal-gass, li jkun fihom il-gass, li jaqsmu t-territorju tar-Reġjun ta' Sqallija.

4. Huma suġġetti għal din it-taxxa l-proprjetarji tal-pajpijiet tal-gass ikklassifikati bħala pajpijiet tat-tip 1 imsemmija fil-paragrafu 3 li jeżerċitaw mill-inqas waħda mill-attivitajiet li ġejjin: trasport, distribuzzjoni, bejgħ u xiri.

5. Għall-finijiet tat-taxxa, pajp tal-gass iffisser l-agglomerazzjoni ta' pajpijiet, tidwir, ġonot, valvi u komponenti speċjali oħra li flimkien iservu għat-trasport u d-distribuzzjoni tal-gass naturali.

6. Il-bażi ta' stima tat-taxxa hija kkostitwita mill-volum, imkejjel f'metri kubi, tal-pajpijiet tal-gass ikklasifikati bħala pajpijiet tat-tip 1 skond id-Digriet Ministerjali ta' l-24 ta' Novembru 1984 li jirregola, minħabba raġunijiet ta' sigurtà, l-installazzjonijiet ta' tras-

3 — GURS Nru 14, 2002, parti I, p. 1,iktar 'il quddiem il-"Liġi Reġjonali ta' Sqallija".

port u ta' distribuzzjoni ta' gass naturali bil-pajpijiet [4].

[...]"

II — Il-proċedura ta' qabel il-kawża

10. Permezz ta' diversi ittri indirizzati lill-awtoritajiet Taljani matul is-snin 2002 u 2003, il-Kummissjoni talbet lil dawn ta' l-aħħar kjarifiki dwar il-fatt li jagħti lok għall-impożizzjoni u l-metodi ta' applikazzjoni tat-taxxa ambjentali stabbilita permezz ta' l-Artikolu 6 tal-liġi ta' Sqallija. B'risposta tad-9 ta' Settembru 2003, ir-Repubblika Taljana indikat li "it-taxxa ambjentali ta' Sqallija ma ġietx applikata b'mod konkret fis-sistema legali Taljana" peress li t-*Tribunale amministrativo regionale della Lombardia* (l-Italja) kien ikkunsidra li din il-liġi kienet tmur kontra r-regoli tad-dritt Komunitarju.

11. Il-Kummissjoni qieset li l-osservazzjonijiet ippreżentati mir-Repubblika Taljana la kienu eżawrenti u lanqas fondati fid-dritt u, b'ittra ta' intimazzjoni tad-19 ta' Diċembru 2003, interpellat lir-Repubblika Taljana sabiex tibgħat l-osservazzjonijiet tagħha f'terminu ta' xahrejn, skond l-Artikolu 226 KE. Sussegwentement, ir-Repubblika Taljana kisbet estensjoni ta' dan it-terminu sad-19 ta' April 2004.

12. Peress li ma rċeviet ebda risposta wara din l-intimazzjoni, minkejja l-estensjoni tat-terminu, il-Kummissjoni, fid-9 ta' Lulju 2004, bagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika Taljana fejn stednitha tadotta l-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma ruħha ma' din l-opinjoni f'terminu ta' xahrejn mid-data tan-notifika tagħha. Ir-Repubblika Taljana ma bagħtet ebda risposta għall-imsemmija opinjoni.

13. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq dan ir-rikors.

III — Ir-rikors

14. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiddikjara li, billi stabbiliet u żammet fis-seħħ it-taxxa in kwistjoni prevista fl-Artikolu 6 tal-liġi ta' Sqallija, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 23 KE, 25 KE, 26 KE u 133 KE kif ukoll taħt l-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni, u li tordna lir-Repubblika Taljana tbati l-ispejjeż.

4 — GURI Nru 12, tal-15 ta' Jannar 1985, parti I, Taqsima 1.3, p. 7.

A — *L-argumenti prinċipali tal-partijiet*

15. Fuq bażi preliminari, il-Kummissjoni ssostni li r-Repubblika Taljana ma tistax tibbaża ruħha fuq id-deċiżjoni tat-*Tribunale amministrativo regionale della Lombardia*, li ddikjara li t-taxxa ambjentali kienet tmur kontra d-dritt Komunitarju, sabiex turi li din it-taxxa m'għadhiex applikata fit-territorju tar-Reġjun ta' Sqallija. Fil-fatt, il-Kummissjoni targumenta li ġie deċiż li l-inkompatibiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali mad-dispożizzjonijiet Komunitarji, anki jekk ikunu direttament applikabbli, tista' tiġi eliminata definittivament biss permezz ta' dispożizzjonijiet interni ta' natura vinkolanti li jkollhom l-istess valur ġuridiku bħad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu emendati [5]. Il-Kummissjoni tgħid ukoll, fir-replika tagħha, li digriet tal-Ministru tal-Baġit u l-Finanzi tar-Reġjun ta' Sqallija tal-31 ta' Diċembru 2004 isemmi fil-kapitolu 1611 id-dħul mit-taxxa fuq id-dritt ta' proprjetà ta' pajpijiet tal-gass fit-territorju tar-Reġjun ta' Sqallija. Hija ssostni li din hija prova li t-taxxa in kwistjoni għadha fis-seħħ. Barra minn hekk, hija tippreċiża li, skond il-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tad-9 ta' Awwissu 1994, Lancry *et* [6], il-projbizzjoni ta' l-Artikolu 25 KE testendi wkoll għat-taxxi stabbiliti mill-entitajiet lokali jew reġjonali.

16. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssostni li l-Artikolu 6 tal-liġi ta' Sqallija jirrigwarda biss infrastruttura waħda, jiġifieri pajp trans-mediterranju li huwa proprjetà ta' kumpannija Alġerina. Skondha, dan il-pajp għandu skop doppju: fl-ewwel lok, id-distribuzzjoni u l-konsum ta' gass fit-territorju Taljan, u, fit-tieni lok, it-trasport tiegħu fuq it-territorju Taljan u l-esportazzjoni tiegħu lejn Stati Membri oħra. Issa, skond il-Kummissjoni, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-impożizzjoni ta' taxxi ġodda jew ta' miżuri ekwivalenti fuq il-merkanzija importata direttament minn pajjiżi terzi hija pprojbita [7]. Hija ssostni li l-portata ta' din il-projbizzjoni hija identika għal dik rikonoxxuta fil-kuntest tal-kummerċ intrakomunitarju [8].

17. Barra dan, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-introduzzjoni tat-taxxa ambjentali tmur kontra t-tariffa doganali komuni peress li din it-taxxa tbiddel l-ugwaljanza tal-piżijiet doganali imposti, fil-fruntieri esterni tal-Komunità, fuq merkanzija importata minn pajjiżi terzi, u b'hekk toħloq riskji ta' żvijar tal-kummerċ fir-relazzjonijiet ma' dawn il-pajjiżi u distorsjonijiet fiċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija jew fil-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni tippreċiża wkoll li, skond ġurisprudenza stabbilita, Stat Membru ma jistax japplika dazji fuq it-tranżitu jew kwalunkwe taxxa oħra fuq il-passaġġ tal-merkanzija mit-territorju tiegħu [9].

5 — Sentenza ta' l-4 ta' Diċembru 1997, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-207/96, Ġabra p. I-6869, punt 26).

6 — C-363/93 u C-407/93 sa C-411/93, Ġabra p. I-3957, punt 26.

7 — Ara s-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1973, Diamantarbeiders vs Indiamex (37/73 u 38/73, Ġabra p. 1609, punti 10 sa 18), u tas-16 ta' Marzu 1983, SIOT (266/81, Ġabra p. 731, punt 18).

8 — Sentenza tal-5 ta' Ottubru 1995, Aprile (C-125/94, Ġabra p. I-2919, punti 32 sa 42).

9 — Ara s-sentenza SIOT, hawn fuq iċċitata, punti 18, 19 u 23.

18. Barra minn hekk, skond il-Kummissjoni, l-obbjettiv reali tat-taxxa ambjentali huwa li tintaxxa l-prodott ittrasportat u mhux l-infrastruttura fiha nnifisha. Fil-fatt, il-fatt li jagħti lok għat-taxxa ambjentali huwa d-dritt ta' proprjetà ta' l-installazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni tosserva li l-bażi taxxabbli hija kkostitwita mill-volum tal-pajpijiet tal-gass li fihom ikun jinsab il-gass. Il-preċiżjonijiet mogħtija fil-liġi ta' Sqallija jillimitaw l-impożizzjoni tat-taxxa għal każijiet fejn ikun hemm gass fil-pipeline u b'hekk it-taxxa m'hijiex applikabbli għall-infrastruttura fiha nnifisha.

19. Ir-Repubblika Taljana tikkunsidra, minnaħa tagħha, li l-Kummissjoni ma kkunsidratx karatteristiċi oħrajn tat-taxxa ambjentali u, b'mod partikolari, l-għan ta' din it-taxxa. Fil-fatt, skond ir-Repubblika Taljana, l-imsemmija taxxa għandha l-iskop uniku li tiffinanzja l-investimenti intiżi għat-tnaqqis u għall-prevenzjoni tar-riskji għall-ambjent li jirriżultaw mill-preżenza tal-pajpijiet tal-gass li fihom il- metanu installati fit-territorju tar-Reġjun ta' Sqallija. Hija ssostni li b'hekk it-taxxa ambjentali hija intenzjonata sabiex timplementa l-prinċipji msemmija fit-Trattat f'dak li jirrigwarda l-ambjent u, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' prekawzjoni.

20. Ir-Repubblika Taljana ssostni wkoll li t-taxxa in kwistjoni tiġi imposta biss jekk effettivament ikun hemm gass fl-infrastruttura u jekk il-proprjetarju jkun jeżerċita attività ta' trasport, distribuzzjoni, bejgħ u xiri. Dan l-approċċ jikkorrispondi mal-ħtieġa leġittima li t-taxxa tiġi imposta biss f'każ fejn ikun jeżisti riskju potenzjali ta' ħsara għall-ambjent. Ir-Repubblika Taljana, fil-kontroreplika tagħha [10], tispjega li r-relazzjoni bejn l-ammont tat-taxxa u l-volum ta' gass ittrasportat hija sempliċi parametru tekniku intenzjonat sabiex jistabbilixxi rabta, xierqa u razzjonali, mad-dimensjoni effettiva tar-riskju maħluq għall-ambjent. L-effett tat-taxxa fuq il-prezz hija purament potenzjali u jiddependi mill-volontà tal-proprjetarju tal-pajpijiet tal-gass.

21. Fir-replika tagħha [11], il-Kummissjoni tissottometti li l-kunċett ta' "taxxa b'effett ekwivalenti għal dazju doganali" huwa kunċett ġuridiku oġġettiv tad-dritt Komunitarju. Għalhekk, dan il-kunċett imur kompletament lil hinn mill-intenzjonijiet tal-leġiżlatur nazzjonali u l-obbjettivi segwiti minn dan ta' l-aħħar. Għall-Qorti tal-Ġustizzja huma biss rilevanti l-effetti tat-taxxa nazzjonali in kwistjoni fuq il-kummerċ ta' merkanzija bejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni ssostni wkoll li s-sentenza ta' l-14 ta' Settembru 1995, Simitzi [12], tikkonferma l-fatt li t-taxxi b'effett ekwivalenti huma pprojbiti, irrispettivament mill-iskop u d-destinazzjoni taddħul iġġenerat minnhom.

10 — Punti 12 u 13.

11 — Punt 3.

12 — C-485/93 u C-486/93, Ġabra p. I-2655, punt 14.

B — *Evalwazzjoni*

22. Fuq bażi preliminari, għandu jiġi mfakkar li l-ftehim ta' kooperazzjoni jorbtu lill-Istati Membri u li dawn ta' l-aħħar għandhom jiżguraw l-osservanza ta' l-obbligi li jirriżultaw minn dawn il-ftehim [13].

23. Barra minn hekk, fil-kuntest ta' ftehim ta' kooperazzjoni ma' pajjiż terz, li jkun jipprojbixxi l-impożizzjoni ta' dazju doganali jew taxxa b'effett ekwivalenti fuq prodott li joriġina minn dan il-pajjiż, bħal fil-każ in kwistjoni, m'hemm ebda raġuni biex dan il-kunċett ta' taxxa b'effett ekwivalenti għal dazji doganali jiġi interpretat b'mod differenti minn kif huwa interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja għall-kummerċ intrakomunitarju [14].

24. B'hekk, l-espressjoni "piżijiet li jkollhom effett ekwivalenti [għal dazji doganali]" fis-sens ta' l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni għandha tfisser kull piż finanzjarju, irrispettivament mill-isem u mill-metodu ta' impożizzjoni tiegħu, impost unilateralment fuq merkanzija minħabba li tkun qasmet fruntiera, meta ma jkunx dazju doganali fil-veru sens tal-kelma, anki jekk dan il-piż finanzjarju ma jkunx impost għall-benefiċċju ta' l-Istat [15].

25. Tali piż madankollu ma jaqax taħt din id-definizzjoni jekk ikun jikkostitwixxi ħlas għal servizz effettivament ipprovdut lill-operatur ekonomiku jew jekk ikun relatat ma' kontrolli mwettqa sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi imposti mid-dritt Komunitarju [16].

26. Wara li ġie ppreċiżat dan, għandha tiġi evalwata l-fondatezza ta' l-ilment. Sabiex jiġi ddeterminat jekk it-taxxa in kwistjoni tissodisfax l-elementi kostitwenti ta' taxxa b'effett ekwivalenti għal dazju doganali, għandu jiġi vverifikat, l-ewwel nett, jekk din it-taxxa hijiex imposta fuq merkanzija, u mbagħad jekk din il-merkanzija hijiex intaxxata minħabba li taqsam fruntiera.

27. Fl-ewwel lok, għandu jiġi mfakkar li, skond l-Artikolu 6(3) tal-liġi ta' Sqallija, il-fatt li jagħti lok għat-taxxa ambjentali huwa "id-dritt ta' proprjetà ta' pajpijiet tal-gass, *li jkun fihom il-gass*, li jaqsmu t-territorju tar-Reġjun ta' Sqallija" [17]. *Prima facie*, wieħed jista' jaħseb li din it-taxxa hija imposta fuq il-

13 — Sentenza tas-26 ta' Ottubru 1982, Kupferberg (104/81, Ġabra p. 3641, punt 11).

14 — Sentenzi Diamantarbeiders vs Indiamex, hawn fuq iċċitata (punt 10); tal-15 ta' Diċembru 1976, Simmenthal (35/76, Ġabra p. 1871, punti 14 u 15), kif ukoll is-sentenzi hawn fuq iċċitati SIOT (punt 18), u Aprile (punti 38 sa 40).

15 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-8 ta' Novembru 2005, Jersey Produce Marketing Organisation (C-293/02, Ġabra p. I-9543, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 — Sentenza tas-27 ta' Frar 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-389/00, Ġabra p. I-2001, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

17 — Enfażi tiegħi.

mezz tat-trasport, jiġifieri l-pajp tal-gass. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li din hija dovuta għall-pajpijiet tal-gass li effettivament ikun fihom il-gass.

28. Fil-fatt, skond ir-Repubblika Taljana, it-taxxa ambjentali hija imposta biss jekk, effettivament u konkretament, ikun jeżisti riskju potenzjali ta' ħsara għall-ambjent. Hija tammetti li din l-ipoteżi hija eskluża f'każ fejn il-pajp tal-gass ma jkunx fih gass [18].

29. Dawn l-elementi juru li m'huwiex il-mezz tat-trasport, fih innifsu, li huwa suġġett għat-taxxa in kwistjoni, iżda l-merkanzija ttrasportata, jiġifieri l-gass.

30. Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 6(4) tal-liġi ta' Sqallija jippreċiża li "[h]uma suġġetti għal din it-taxxa l-proprjetarji tal-pajpijiet tal-gass ikklassifikati bħala pajpijiet tat-tip 1". Skond id-Digriet Ministerjali ta' l-24 ta' Novembru 1984, li għalih issir referenza fl-Artikolu 6(6) tal-liġi ta' Sqallija, il-pajpijiet tat-tip 1 jikkorrispondu għall-pajpijiet tal-gass li l-pressjoni tagħhom tkun ta' aktar minn 24 bars.

31. Issa, ir-Repubblika Taljana ma tikkontestax il-fatt li teżisti biss infrastruttura waħda li tikkorrispondi għall-karatteristiċi tal-pajpijiet tal-gass tat-tip 1 u li din hija installazzjoni kollegata mal-pajpijiet tal-gass transmediterranji li jittrasportaw il-gass naturali mill-Alġerija.

32. Għalhekk, it-taxxa ambjentali tirrigwarda biss il-gass importat mill-Alerġija.

33. Għandu jiġi ppreċiżat, barra minn hekk, li l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' taxxi b'effett ekwivalenti, assimilat il-fruntiera reġjonali mal-fruntiera nazzjonali [19]. Għaldaqstant, huwa irrelevanti li l-fruntiera maqsuma mill-merkanzija hija l-fruntiera li tifred lill-Alġerija mir-Reġjun ta' Sqallija.

34. Fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għandu jiġi kkonstatat li l-elementi kostituttivi tad-definizzjoni tat-taxxa b'effett ekwivalenti huma preżenti f'dan il-każ.

35. Din l-analiżi ma tistax tiġi kkontestata, fil-fehma tagħna, fuq il-bażi ta' l-obbjettiv tat-taxxa.

18 — Ara l-punt 26 tar-risposta.

19 — Sentenza Lancry *et*, hawn fuq iċċitata, punti 26 u 27.

36. Fir-risposta tagħha [20], ir-Repubblika Taljana ssostni, effettivament, li l-iskop tat-taxxa ambjentali huwa li jiġu ffinanzjati l-investimenti intiżi għat-tnaqqis u għall-prevenzjoni tar-riskji għall-ambjent. Għalhekk, huwa argumentat li din it-taxxa ġiet imposta bilgħan waħdieni li jiġi mħares l-ambjent, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni.

37. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet f'diversi okkażjonijiet li l-projbizzjoni ta' kull dazju doganali hija projbizzjoni ġenerali u assoluta. Għaldaqstant, id-dazji doganali jew it-taxxi b'effett ekwivalenti huma pprojbiti irrispettivament minn kull kunsiderazzjoni ta' l-iskop għalfejn ikunu ġew imposti jew tad-destinazzjoni tad-dħul iġġenerat minnhom [21].

38. Fil-fehma tagħna, din ir-regola hija applikabbli wkoll għal taxxa imposta, bħal fil-każ preżenti, fuq il-bażi tal-prinċipju tal-prekawzjoni.

39. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li r-Repubblika Taljana ma ppreżentat ebda prova ta' natura li tispjega għalfejn il-gass mill-Alerġija ttrasportat permezz ta' pajp talgass tat-tip 1 jippreżenta periklu partikolari li jeħtieġ l-impożizzjoni ta' taxxa bħal dik in kwistjoni.

40. Għandu jiġi osservat ukoll li r-Repubblika Taljana ma ressqitx prova li t-taxxa in kwistjoni taqa' taħt l-eċċezzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza u li għalihom issir referenza fil-punt 25 ta' dawn il-konklużjonijiet, jiġifieri li din tikkostitwixxi ħlas għal servizz effettivament ipprovdut lill-operatur ekonomiku jew li hija relatata ma' kontrolli mwettqa sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi imposti mid-dritt Komunitarju.

41. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni, fir-rikors tagħha, tqis li t-taxxa in kwistjoni ġiet imposta wkoll bi ksur ta' l-Artikoli 23 KE u 25 KE. Hija ssostni li l-Artikolu 6 tal-liġi ta' Sqallija jikser il-prinċipji tat-tariffa doganali komuni peress li "jintroduċi taxxa b'effett ekwivalenti għal dazju fuq l-importazzjoni (ġewwa l-Komunità) jew fuq l-esportazzjoni (lejn Stati Membri oħra)" [22].

42. Aħna ma naqblux fuq dan il-punt.

43. Fil-fehma tagħna, it-taxxa in kwistjoni ma tistax tolqot il-merkanzija kemm meta taqsam il-fruntiera bejn l-Alġerija u r-Reġjun ta' Sqallija u kif ukoll meta taqsam ir-reġjun sabiex tiġi kkunsmata fit-territorju ta' Stati Membri oħra. Fl-opinjoni tagħna, u fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet magħmula filpunti 27 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet,

20 — Punti 10 u 11.

21 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ta' l-1 ta' Lulju 1969, Il-Kummissjoni vs L-Italja (24/68, Ġabra p. 193, punt 7), u Simitzi, hawn fuq iċċitata (punt 14).

22 — Ara l-punt 11.

it-taxxa hija dovuta biss meta l-merkanzija taqsam il-fruntiera bejn l-Alġerija u r-Reġjun ta' Sqallija. Ladarba tkun tħallset it-taxxa in kwistjoni, il-gass jiċċirkola liberament fil-pajp tal-gass jew lejn ir-reġjun jew lejn l-Istati Membri l-oħra.

44. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, aħna tal-fehma li l-ilment li jallega ksur ta' l-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni huwa fondat u li l-kumplament tar-rikors dwar nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu għandu jiġi miċħud.

45. Peress li l-ilment huwa fondat, ir-Repubblika Taljana għandha tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, skond kif mitlub mill-Kummissjoni u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura.

IV — Konklużjoni

46. Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, aħna nipproponu lill-Qorti tal-Ġustizzja:

1) tikkonstata li, billi imponiet taxxa ambjentali fuq il-gass metanu mill-Alġerija, destinat li jitpoġġa f'ċirkolazzjoni libera fit-territorju tar-Reġjun ta' Sqallija, jew li jiġi esportat lejn Stati Membri oħra, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta' l-Alġerija, iffirmat f'Alġiers fis-26 ta' April 1976 u approvat f'isem il-Komunità mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2210/78, tas-26 ta' Settembru 1978;

2) tikkundanna lir-Repubblika Taljana tbati l-ispejjeż.